Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 23 – Il-Gimgħa 27 ta' Jannar 2017**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Giuseppi Attard | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa mal-Perit Shawn Micallef fuq il-post fi Triq iż-Żewwieqa fejn hu propost li jsir Belvedere. Huwa semma' li ser imexxi mal-MEPA għall-akkwist tal-permess tal-iżvilupp.

3.2 Is-Sindku rrefera wkoll għat-talba li saret mill-Ministeru għal Għawdex sabiex issir lampa ġdida mar-residenza ta' Renata Grech u li ser titħallas mill-Ministeru stess.

3.3 Huwa rrefera wkoll għal-laqgħa li kellu fuq il-post fejn qed isir it-taraġ tal-Mosaic. Huwa ltaqa' ma' Mary Portelli, mal-Perit Shawn Micallef u s-sid tal-lukanda Grand Hotel biex jaraw il-ħtiġijiet kollha għat-twettiq globali ta' dan il-proġett. Sar qbil li għandu jsir *uplift tal-area* ta' quddiem it-taraġ. Sar qbil ukoll li bħala dwal isir *floodlighting* minn fuq. Il-Kunsilliera Karen Xuereb staqsiet dwar jekk hux ser jinbidlu xi livelli. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Perit dwar dan.

3.4 Ġiet trattat ukoll l-ilmenti kontinwi li qed ikollna fi Triq Hamri għall-għeluq ta' spiss tat-triq minħabba permessi tal-*crane* għall-bini tal-estenzjoni tal-Grand Hotel u għall-inkonvenjent li qed iġibu magħhom permessi ta' dan it-tip. Il-Kunsill qabel li ma għandux jagħti permessi aktar minn darbtejn fil-gimgħa għax għalkemm jifhem li l-iżvilupp jinħtieġ isir, minn naħa l-oħra trid tikkonsidra l-esiġenzi tar-residenti u t-trasport pubbliku.

3.5 Is-Sindku rrefera wkoll għar-rebħ tal-Kunsill fil-GTA Awards. Huwa semma' li ġie avviċinat bil-proposta ta' dawn l-*awards* u tħajjar li jiġi nominat. Ġie kkonfermat li n-nominazzjoni tista ssir f'isem il-Kunsill Lokali u għalhekk saret is-sottomissjoni tagħha li ġiet ibbażata fuq il-proġett ta' Bethlehem f'Għajnsielem u kemm għin lill-intrapriża Għawdxija. Huwa rrefera għall-premju bħala wieħed li jixraq lill-proġett u lill-Kunsill Lokali Għajnsielem li dejjem kien wara dan il-proġett.

3.6 Is-Sindku rrefera wkoll għall-ilmenti li saru mis-Sur Brian Pace rigward riħa tossika fl-inħawi tar-residenza tiegħu fi Triq Sant'Antnin li qed taffetwalhom saħħithom. Dan l-ilment għaddejnih lid-Dipartiment tas-Sanita u saru diversi spezzjonijiet għand residenzi tal-viċin iżda ma rriżulta xejn. Id-Dipartiment tas-Sanita tana l-parir li jekk l-ilment jippersisti għandu jsir rapport mal-pulizija. Is-Sindku semma' li s'issa ma reġax kellna lmenti.

3.7 Saret referenza mis-Sindku għall-ilment li kellu sabiex titwitta' Triq il-Briegħen. Sar qbil li għandha tintbgħat *reminder* lid-Direttur Mark Formosa rigward dan.

3.8 Saret referenza wkoll għat-talba li saret lis-Sindku dwar jekk it-Triq il-ġdida fi Triq Cordina hix art privata jew pubblika. Sar qbil li għandna nibgħatu lid-Dipartiment tal-Artijiet jew lill-MEPA rigward dan.

3.9 Is-Sindku rrefera wkoll għall-opportunita' li nistgħu nerġgħu għal darb'oħra inressqu l-proġett ta' Network of Towns fejn ikollna progett ta' Town Twinning ma' diversi pajjizi. Il-Kunsill qabel li ma għandniex nitilfu opportunitajiet bħal dawn u li għandna nerġgħu napplikaw.

3.10 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq rigward id-diżgwid li hemm rigward in-numri tal-isqaqien fi Triq l-Imġarr. Sar qbil li għandna niċċekjaw eżatt dwarhom u niktbu lid-Dipartiment tal-Artijiet b'din il-problema.

3.11 Is-Sindku lmenta dwar id-diversi lmenti li qed jidħlulu rigward in-nuqqas ta' ndafa fil-latrini. Sar qbil li għandha tinġibed l-attenzjoni lill-kuntrattur.

3.12 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li ser tinzamm mil-LESA rigward aktar infurzar. Huwa semma' li bghatna email lil LESA fejn proponejna li jkollna xi gwardjani fil-lokal, anke bi hlas, u johorgu l-kontravenzjonijiet lil dawk li jinqabdu jabbuzaw mill-iskeda tal-gbir tal-iskart. Huma wegħġbuna lura li ser tibda titħaddem sistema ġdida u li din il-proposta ser tiġi kkunsidrata f'din is-sistema.

3.13 Il-Viċi Sindku semma kif il-pots li saru bis-sign 'no litter' mhux qed jkunu effettivi kif ippjanati għaliex f'certu postijiet bħal playing field 'Amabile Cauchi' ir-residenti qed jużahwom bħala points fejn jpoġġu l-ixkejjer tal-iskart.

3.14 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li konna ssottomettejna taħt in-Network of Towns u li ma kinitx ġiet aċċettata għall-ftit punti. Huwa propona li nerġgħu napplikaw. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 4.0 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

4.1 Il-Kunsillier Peter Caruana staqsa x'ġara dwar il-ħruġ tal-offerta ta' Triq Hamri. Is-Segretarja wieġbet li l-Perit għadu kemm iffinalizza d-dokumenti kollha meħtieġa u l-offerta ser toħroġ għall-pubbliku fil-jiem li ġejjin.

4.2 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-problema li qed tiġi kkawżata fi Triq Baħħara minħabba l-fatt li xi ħadd qed jipparkja u jagħlaq l-aċċess tal-passaġġ. Il-Viċi Sindku talab jekk nistgħux nagħmlu *double yellow line* quddiem l-aċċess. Ġiet diskussa din it-talba u rriżulta li peress li huwa aċċess ma għandu qatt jingħalaq u ma jistgħux jinżebgħu double-yellow lines quddiemu.

4.3 Il-Viċi Sindku rrefera wkoll għall-problema li qed ifur id-drenaġġ u jidħol ġol-maħżen tal-każin tal-banda. Sar qbil li għandna ninfurmaw lid-Dipartiment tad-Drenaġġ rigward dan l-iżbogg u jekk inhu meħtieġ għandu jidħol id-Dipartiment tas-Sanita'.

4.4 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-ilmenti ta' bosta nies li ma jafux li nqatgħet il-borża l-griża nhar ta' Hamis. Huwa ssugerixxa għalhekk li għandu jsir leaflet ieħor u jitqassam f'kull dar b'effett immedjat. Sar qbil li għandna nipprintjaw l-informazzjoni tal-ġbir tal-iskart fuq sticker u titqassam bil-Maltapost f'kull dar.

4.5 Il-Kunsilliera Karen Xuereb ilmentat rigward il-gzuz ta' skart li qed jinġemgħu fil-kantunieri speċjalment ħdejn ta' Atzori. Sar qbil li għandna nerġgħu nitolbu lill-kuntrattur.

4.6 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li l-funtana tal-Pjazza tad-Dehra ghadha sal-prezent mhix tiffunzjona kif suppost. Huwa talab sabiex urgentament naraw x'jinħtieġ isir u jekk hemm bżonn tinqala' parti minnha biex tibda tiffunzjona kif pjanat.

4.7 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera ghall-htiega ta' bdil ta' tabelli li hemm fi Triq ix-Xatt l-Aħmar. Sar qbil li dawn ghandhom jinbidlu.

4.8 Il-kunsilliera Karen Xuereb ressqet it-talba sabiex nitolbu lil Transport Malta sabiex ikollna parking organizzat fi Triq Sant'Antnin.

4.9 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għar-reserved parking space fi Triq Hamri li ma għadhiex tintuża peress li ta' min kienet ma għadux ħaj. Sar qbil li għandha tinżebaħ lura bl-iswed.

4.10 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi staqsa f'hiex wasal ix-xogħol tat-tunnel li ser isir taħt il-proġett tat-taraġ sabiex jitnehhew l-arbli minn quddiem il-kazini fi Triq Chambray. Sar qbil li dan għandu jiġi nkorporat mal-proġett sħiħ. Is-Sindku semma' li ser tiġi sottomessa DNO għal dan il-proġett. Ser isir ukoll kanal quddiem il-ħwienet.

4.11 Il-Viċi Sindku staqsa kif l-embellishment ta' Triq il-Ġnien għadu mingħajr dawl. Is Sindku qal li dalwaqt se jsiru konessjoniet neċċesarji.

## 5.0 Korrispondenza u Rapporti

5.1 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand il-Water Services Corporation rigward l-art li għandhom fl-*area* magħrufa ta' Golin u li ser jittrasformawha f'ġibjun kbir għall-użu tal-bdiewa. Dawn qed jitolbu lill-Kunsill sabiex inaddaf ir-radam illegali li hemm ġo fiha. Mal-ittra bgħatu wkoll ritratti ta' trakk li qed jarmi r-radam illegali. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u sar qbil li peress li l-art hija tal-WSC, il-Kunsill ma għandu l-ebda obbligu li jagħmel xi tip ta' xogħol ta' tindif fi proprjeta ta' terzi. Sar qbil li din l-ittra għandha tintbgħat lill-Enforcement Section tal-MEPA biex jieħdu azzjoni minn naħa tagħhom.

5.2 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Agrikultura rigward għeluq tal-aċċess fuq il-bankina ta' residenza fi Triq il-Mogħdija Għajnsielem minħabba pjanti kbar li għandha fuq il-bankina. Sar qbil li għandna nibgħatu kopja tal-email lir-residenta u ninfurmawha b'dan l-ilment.

5.3 Ġew trattati l-applikazzjonijiet tal-iżvilupp tal-MEPA. L-ewwel applikazzjoni hija dik ta' PA 3973/16 ta' mwejjed u siġġijiet fiTriq Manoel de Vilhena. L-applikazzjoni l-oħra bin-numru PA 1849/13 hija dik għal bini ta' Pigfarm. Il-Vici Sindku qal li ghanda tintalab siteplan ghaliex mhux aċċettabli jekk din tkun qrib ir-residenzi. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob aktar informazzjoni.

5.4 Ġiet trattata t-talba tal-Customer Care mingħand Rachel Sultana sabiex tiġi nstallata *bus shelter* fil-Gudja. Il-Kunsill irrefera għal diversi talbiet simili iżda trid tittieħed inkonsiderazzjoni li fil-lokal ma hawn imkien *bus shelters*.

5.5 Ġiet trattata t-talba mingħand Joseph Ciantar ta' Triq il-Provigarju sabiex tiġi nstallata bozza ġdida. Il-Kunsill qabel li għandu jżid din it-talba mal-lista tat-talbiet pendenti.

5.6 Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand Edwin Ciantar sabiex isiru bollards fil-kantuniera mar-residenza tiegħu. Sar qbil li dawn għandhom isiru.

5.7 Is-Sindku għamel referenza ghal kors li ser jinbeda ta' Għaqal id-Dar u li avviż tiegħu sar fuq facebook u ntbgħat f'kull dar.

## 6.0 Karnival 2017

6.1 Sar qbil li l-Karnival f'Għajnsielem għandu jsir il-Ħadd 19 ta' Frar 2017 wara l-4:30pm. Is-Sindku rrefera għal xi banda barranija li ser tkun Għawdex għall-festi tal-Karnival u li talbuna l-prezz ta' €1100 biex jagħtu d-debut tagħhom fil-Karnival t'Għajnsielem. Il-Kunsill ra li t-talba hija għolja ħafna.

6.2 Sar qbil li bħala budget għall-attivita' tal-Karnival għandu jkun ta' madwar €2500 u €3000.

6.3 Is-Sindku propona sabiex bħala poster għal Karnival għandna nqabbdu xi studenti minn Għajnsielem li jmorru l-iskola tal-arti biex jagħmluh huma taħt id-direzzjoni tal-għalliem tagħhom. Kien hemm qbil dwar dan.

6.4 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa x'possibilita hemm li nintroducu l- Ballu tal-Karnival is-Sibt 18 ta' Frar. Sar qbil li għandna naraw dwar il-konkorrenza peress li dakinhar ser jaħbat ma' Caliente.

6.5 Sar qbil li għandhom isiru l-kompetizzjonijiet bi premju, fosthom il-kompetizzjoni tal-kostum tat-tfal minn Għajnsielem, oħra għat-tfal minbarra r-raħal u oħra għall-adulti.

6.6 Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jagħmel attrazzjoni speċjali dik tal-kukkanja għall-kbar u għat-tfal.

6.7 Sar qbil li għandna niġbru kwotazzjoniet għad-dawl u għandna wkoll nordnaw is-*sound*.

6.8 Sar qbil ukoll li sabiex inħeġġu t-talent lokali, dawk it-tfal li jiktbu l-karru tagħhom għall-kompetizzjoni, għandhom jingħataw 30 għal kull karru biex ninkoraġġuhom.

6.9 Kien hemm qbil ukoll li bħala preżentatur għandna nikkuntatjaw lil Joe Demicoli.

## 7.0 Wara Bethlehem f'Għajnsielem 2016-2017

7.1 Is-Sindku rrefera għall-edizzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem ta' din is-sena bħala waħda sodisfaċenti minkejja l-maltemp u l-kesħa tal-ġranet tal-ftuħ.

7.2 Sar qbil li għandha ssir laqgħa għall-għaqdiet kollha kemm jista jkun malajr.

7.3 Saret referenza għat-tiżjin tal-Pjazza tad-Dehra u kien attrazzjoni sabiħa ħafna u li ntlaqgħet tajjeb għalkemm domna biex inawgurajniha. Saret referenza għassleigh li saret minn Aurelio Bugeja għax talab sabiex jitħallas tax-xogħol tagħha peress li kienet tinvolvi ħafna aktar xogħol minn dak mistenni. Il-Kunsill qabel li l-ftehim kien li jitħallaslu l-passaġġ għal mat-tim tal-Miġja tal-Maġi. Issemma l-fatt li din saret bl-għajnuna ta' diversi nies inkluż is-Sindku u li l-materjal tħallas mil-Kunsill.

7.4 Il-Viċi Sindku saqsa għaliex is-Sigra tal-Milied biswit il-Pjazza ma ntarmatx biddawl bħal ma kien jigri kull sena. Is-Sindku qal li kien iddispjecut dwar dan għax qabbad lil xi ħadd jieħu ħsieb ix-xogħol tat-tiżjin tad-dwal u dan ma laħħaqx

7.5 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex nibgħatu ittra ta' ringrazzjament lil Comune ta' Greccio għall-ospitalita' li wrew magħna u sabiex nibdew kuntatti magħhom kemm jista jkun kmieni. Sar qbil li għandha tintbgħat ittra biex nistednuhom jagħmlu żjara ufficjali fostna.

7.6 Il-Viċi Sindku saqsa ghaliex din is-sena, ħadd mill-Kunsill ma ġie mistieden għall-Kunċert tal-Milied li jsir fl-iskola Primarja kull sena. Is-sindku qal li hu ircieva telofonata lejlet il-kunċert u ghalhekk ma setax jmur. Il-Viċi Sindku qal li importanti darb oħra jmur xi ħaddiehor mill-Kunsill meta s-Sindku ma jkunx jistax jattendi.

## 8.0 Applikazzjoni taħt il-Miżura 125 u Mizura 4.4– Asfaltar ta' Toroq f'żoni rurali

8.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li ser jitnedew dawn il-Miżuri u li taħthom nistgħu napplikaw għall-proġetti ta' irranġar ta' toroq fil-kampanja u bdiewa. Sar qbil li għandna niċċekjaw nistgħux indaħħlu lil Triq il-Briegħen u Triq tax-Xatt l-aħmar. Sar qbil li dan il-proġett għandna nassenjawh lil Perit Edward Scerri.

## 9.0 Ħatra ta' ambaxxatur taż-żgħażagħ

9.1 Il-Kunsill sellem u rringrazzja lil Giuseppi Attard, l-ambaxxatur taż-żgħażagħ tal-kontribut li ta lil Kunsill matul il-kariga tiegħu. Peress li Giuseppi għalaq 18-il

sena, jinħtieġ li l-Kunsill jaħtar ambaxxatur ieħor. Sar qbil li għandhom jinħarġu l-applikazzjonijiet għal dawk interessati.

## 10.0 Kunsill tat-tfal

10.1 Is-Sindku talab sabiex nagħtu spinta lill-Kunsill tat-tfal. Huwa wera x-xewqa li xi darba ssir attivita fejn is-Sindku u Kunssiliera jmorru l-iskola u jitkellmu mat-tfal biex jitħajjru jidħlu fil-Kunsill tat-tfal.

## 11.0 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-impjegati

11.1 Is-Sindku Franco Ciangura preżenta l-Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. Huwa propona li s-Sinjura Haber tingħata l-Performance Bonus massimu ta' 10% tas-salarju tagħha peress li twettaq xogħolha tajjeb ħafna u taqbeż il-limitu biex tara lill-Kunsill jimxi ' l quddiem u jispikka fuq oħrajn. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma' dan. Is-Segretarja minn naħa tagħha rringrazzjat lill-Kunsill tal-fiduċja li għandhom fiha u li permezz tagħha hija titħeġġeġ aktar għal aktar ħidma fejjieda.

11.2 Is-Segretarja minn naħa tagħha rrakkommandat li l-impjegati jingħataw il-massimu tal-Performance bonus tagħhom dak ta' 6% peress li lkoll jagħmlu xogħolhom tajjeb ħafna u b'dedikazzjoni. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 12.0 Laqgħa tal-Lokalita'

12.1 Sar qbil li l-laqgħa tal-lokalita' tinżamm nhar l-Erbgħa 28 ta' Frar 2017 fis-7:00pm.

## 13.0 Proġetti pendenti u progress dwarhom

13.1 Sar qbil li għandhom jiġu ppublikati b'effett immedjat l-offerti għall-pubbliku li jinkludu x-xogħol tar-resurfacing fi Triq il-Hamri u Żewwieqa, xiri tal-minibus tal-elettriku u l-offerta tal-knis u tindif fil-lokal.

## 14.0 Preżentazzjoni ta' premijiet tal-kompetizzjoni tal-Presepju u Tieqa

14.1 Is-Sindku ndirizza lir-rebbieħa li ġew mistiedna għal-laqgħa tal-Kunsill . Huwa semma li dawn il-kompetizzjonijiet saru sabiex nippromovu dawn it-tradizzjonijiet tat-tizjin bil-bambin u bil-presepji fid-djar. Ir-rebbieħa ta' l-isbaħ presepju kienet Maria Spiteri filwaqt li r-rebbieħa tal-isbaħ tieqa kienet Miriam Xuereb. Tifkira ngħatat ukoll lil Herman Mifsud, Paul Stellini u Andrew Muscat għall-presepji li għamlu għal wiri.

14.2 Il-Kunsill sellem ukoll lill-ambaxxatur taż-żgħażagħ Giuseppi Attard fi tmiem tal-kariga tiegħu billi faħħru tal-impenn li wera lejn il-Kunsill. Huwa wkoll ingħata tifkira. Minn naħa tiegħu Giuseppi rringrazzja lill-Kunsill ta' din l-opportunita' li tah li jaħdem hekk qrib tiegħu u li ser jibqa jgħożż din l-esperjenza għall-ħajtu kollha.

## 15.0 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-pagamenti

15.1 Is-Segretarja preżentat il-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati u li għandu jsir il-pagament tagħhom.

## 16.0 Materji oħra

16.1 Wara li nġabru l-istimi għal xiri ta' projector, sar qbil li għandna nixtru l-mudell IN114X għal prezz ta' €551 mingħand Jos Vincenti & Co.

16.2 Ġiet trattata t-talba mingħand il-Gozo College sabiex l-Kunsill tagħna jisponsorja ktejjeb għat-tfal kollha tas-sitt sena Primarja. Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddi s-somma ta' €200.

16.3 Ġiet diskussa l-possibilita' li fis-sajf tiġi organizzata ġita' għall-Sqallija għall-anzjani.

16.4 Sar qbil li l-kont tat-trasport fl-Italja konness mal-miġja tal-Maġi għandu jinqasam billi jintbgħat kont ta' €350 lil kull Kunsill parteċipi u billi jħallas €1000 il-Ministeru għal Għawdex.

## 17. 0 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

17.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:30 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**